# ID-DUD

(DUDA TAR-RAS *Pediculus capitis*, DUDA TAL-ĠISEM *Pediculus corporis*, DUDA TAL-ĦWEJJEĠ *Pediculus vestimenti*)

*Ġrajja.*

Il-Ġrajja ta' dawn id-dud hija, tista' tgħid, kollha ġrajja waħda. Biss issibhom igħixu aktarx fir-ras, fuq il-ġisem jew qalb il-ħwejjeġ li l-bniedem iġib fuqu. Jinsabu qalb il-ħmieġ u l-faqar! żewġt iħbieb li aktarx qatt ma jinfirdu.

Id-duda tbid għadd kbir wisq! il-bajd ikun abjad u tawwali; f'ġimagħtejn tbid mal-mija u għoxrin li jfaqqsu wara xi sitt ijiem. Fi tmintax-il jum id-dud ikun tajjeb biex jerġa' jbid u jfaqqas!

Il-bajd tad-duda tar-ras issibu qalb ix-xagħar: dak tal-ġisem qalb ix-xagħar tal-ġisem, u dak tal-ħwejjeġ fix-xquq tal-ħjata jew ġewwa l-inforra! Ifli tajjeb dawn il-lokijiet u oqgħod dejjem kontra r-riħ, biex ma tirkibx xi duda!

*Kif teqred id-dud.*

Fir-ras. Żomm xagħrek dejjem maqtugħ żgħir; jekk hemm bżonn għaddih bil-mus! Aħsel rasek bis-sapun tal-karbolku, jew bl-ilma fejn tkun ħollejt ftit Krisol; jew ixtri nofs uqija *Jeyes' Fluid*, kwart sapun artab u ħollhom fi tliet galluni ilma, u aħsel bih!

Biex tiddisinfetta agħmel l-ungwent tal-merkurju għar-ras, jew paraffina, jew spirtu tas-sapun; u wara ftit taż-żmien aħsel rasek tajjeb b'sapuna tal-karbolku, tal-krisol jew tal-liżol. Għad-dudini tista' tuża l-ħall imsaħħan

Mill-ħwejjeġ jew mill-ġisem id-dud tista teqirdu hekk :— Tibdil spiss, banju spiss, taħt abtejk għaddih bil-paraffina jew biż-żejt tal-ganfra; il-ħwejjeġ tihom banju jagħli jew daħħalhom (jekk tista') ġewwa stufa.

Il-mard li jistgħu jâtu dawn id-dudiet huma:— It-tifu, deni *(Relapsing fever, Trench fever)* barra mill-marda tal-ġilda li huma jâtu *(Ftiriasi)*.

BAQQ

(*Cimex rotundatus* (fl-artijiet sħan) *Cimex Lectularius* (fl-artijiet tal-bard)

Il-mard li jġib il-baqqa huwa : — *Kala Azar* (marda tal-biċċa), ġdiem, pesta, traċna, deni tifu u deni ieħor (*Relapsing fever*).

*Ġrajja.*

Wasal ġewwa l-Ewropa flimkien mal-wirdiena, min-naħa tal-Lvant. Sewwa r-raġel kemm ukoll il-mara jerdgħulna demmna, bil-lejl; fid-dawl issibhom moħbijin fix-xquq, mal-ħadid tas-sodda u bnadijiet oħra fejn jibqgħu kwieti sa ma jsir il-lejl. Jitwarrbu minn dar għall-oħra, u jistgħu jiqbgħu minngħajr ma jitrejqu għal disgħa jew tnax-il xahar sħaħ! Il-mara tbid ħafna għnieqed ta' għoxrin bajda kull wieħed, u ma' tul is-sena tbid ħafna drabî. Il-bajd huwa abjad, tawwali u f'tarf minnu għandu bħal għatu, li minnu toħroġ il-baqqa wara xi ġimgħa li ommha tkun biditha. Iż-żgħar ibiddlu l-qoxra tagħhom erba' darbiet, u wara sitta jew seba' ġimgħat jibdew igħixu għalihom. Wara għaxra jew erbatâx-il jum oħra, il-baqq ikun mitmum, u jista' jibda l-ħajja ta' ommu u missieru.

*Kif taħrab mill-baqq.*

Indafa, tapiti u ħsajjar xejn, roxx fl-art trab tan-naftalina jew trab tal-brigħed (*Insect destroying powder*)

Fix-xquq tal-ħitan u mal-ħadid tas-sodda fejn ikun hemm ix-xquq (fejn jintrabtu l-ħadidiet) ħokku bit-termentina, jew b'din it-taħlita: Ammunjaka 50 parti, Termentina 10 u għorok biha fejn hemm ix-xquq jew fil-ħadid jew fl-irkejjen ta' l-imtieraħ.

Fejn inbagħad hemm ħafna baqq tista' tuża t-tidħin (*fumigazione*) tal-kubrit; żewġ libbri kubrit għal kull elf pied kubu tal-kamra.

## BRIGĦED

(*Pulex irritans* (bergħud tal-bniedem) *Ctenocephalus Canis* (bergħud tal-kelb) *Ctenocephalus Felis* (bergħud tal-qattus) *Xenopsylla Cheopsis* (bergħud tal-ġrieden)

Il-mard li jistgħu jâtu: Pesta u *Kala Azar* (mard tal-biċċa)

*Ġrajja.*

Il-mara tbid il-bajd waħda waħda, fl-irkejjen maħmuġa, jew f'xi xquq, jew fejn jorqdu l-klieb u l-qtates; jew qalb it-tiġieġ jew f'xi bejta tal-għasafar. Fis-sajf, il-bajd ifaqqas wara jumejn jew erbât ijiem: u fix-xitwa wara għaxart ijiem jew erbatâx-il jum, u minnhom joħroġ dudu bla saqajn, jitqagħweġ fit-trab u aktar jiekol, skond ma jgħid De France, id-demm magħqud li l-omm tkun ħalliet fejn il-bajd tagħha. Wara ġimagħtejn id-duda ssir kwieta (tgħaddi għal dak l-istat li jissejjaħ Pupa) u wara ħmistax-il jum joħroġ il-bergħud mitmum.

*Biex taħarbu jew teqirdu.*

Indafa kbira, xejn tapiti, xejn ħsajjar; roxx bin-naftalina jew bit-trab li joqtol l-insetti (*Insect powder*)

Tidħin bil-kubrit; erba' libbri kubrit għal kull elf pied kubu tal-kamra; jew tidħin (*fumigazioni*) tal-formaleide (2-3 sigħat) li ssir hekk: Formalina 20 c.c. Trab tal-Permanganat tal-potassa 10 grammi, ħallat kollox u daħħan bih. Tista' tuża wkoll id-duħħan *fumigazioni* tal-*Liquor Saponatus Creosoli.*

## ĠARAB JEW MARDA TAL-ĦAKK

(*Acarius Scabiei, Sarcoptes Scabiei.*)

Din il-marda hija aktarx mhux weħida; magħha nsibu sikwit taħlit ta' mard ieħor tal-ġilda, bil-marċja u aktarx qawwi.

Din il-marda ġejja minn dud (raġel u mara) li jagħmlu ħsara fil-ġilda. Il-mara hija ikbar mir-raġel, u hija li bilmixi tagħha ġġib dak il-ħakk kollu. Ir-raġel igħix fuq ilġilda tal-ġisem u malli jiltaqa' mal-mara ftit wara jmut; ilmara tidħol taħt il-ġilda, tħaffer bħal-kuritur fejn il-ġilda hi aktar tarija. Hawn hija tbid minn erbgħa u għoxrin sa tnejn u ħamsin bajda. Għal tliet xhur sħaħ tibqa' tħaffer u tbid u nbagħad tmut ġewwa wieħed minn dawn il-kurituri li tkun ħaffret. Il-bajd wara sebât ijiem ifaqqas, u wara tmienja u għoxrin jum ikun mitmum. U hawn nerġgħu nibdew il-ġrajja fejn ir-rġiel imutu u n-nisa jħaffru l-kurituri! Il-ħakk ġej kollu mil-mixi tan-nisa taħt il-ġilda. Il-mixi jġib l-ikel, l-ikel iġib il-ħakk u l-ħakk iqaxxar il-ġilda u fuqha naraw ponot li jinfjammaw, irabbu l-marċa, eċċ. Dan l-ikel jâti fl-idejn, bejn is-swaba', fuq il-polz min-naħa ta' quddiem, fid-driegħ, fuq dahar is-sieq, taħt l-abt, bejn il-wirq u l-koxxa, fuq il-koxxa (min-naħa ta' ġewwa) u fl-aħħar fuq id-dahar u fuq is-sider.

Teħodha billi tmiss mal-marid. Il-lożor jâtu sikwit din il-marda. Id-disinfetta kollox.

Biex tfejjaqha togħrok sagħtejn sħaħ b'dan l-ungwent:— Xaħam 12-il parti, kubrit 2 parti, karbonat tal-potassa parti. Ħallat tajjeb.

Jekk imħabba l-marda jkun hemm infjammazzjoni qawwija tista' tuża l-banju bil-lamtu maħlul ġewwa fih: u jekk dan l-ungwent jagħmel xi uġigħ kbir tista' tuża jew l-ungwent ta' l-istirace, jew dak tal-Balzmu tal-Perù jew il-petrolju jew ungwent ta' naftol.

**Dr. G. Busuttil.**